MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 976/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**Vs**

Guzeppi Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Guzeppi Zammit numru ta’ karta ta’ identita’ 701449(M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-10 ta’ Awissu 2001 u matul ix-xhur ta’ qabel, bhala d-detentur tal-fond 127 ‘Stefan’ Triq Karmenu Zammit, Zurrieq, ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-elettriku, tal-kwalita’ mehuda jew kkunsmata, kkommetta serq ta’ dawl elettriku fl-ammont li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) mill-fond 127 ‘Stefan’, Triq Karmenu Zammit, Zurrieq, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti mahtura a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda inkluz l-imputat minn jeddu;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta’ serq ta’ kurrent elettriku li hu kkontemplat fl-artikolu 264(2) tal-Kap 9. Akkompanjanti s-serq hemm l-aggravji tal-mezz, hin u valur.

Ai termini tal-artikolu tal-ligi fuq citat hemm presunzjoni mixhuta fuq l-imputat f’kaz li jirrizulta xi ksur jew l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom jista’ jitwaqqaf jew jitbiddel il-kejl jew l-immarkar, f’dan il-kaz tal-meter tal-elettriku, tal-kwantita’ mehuda jew kkunsmata. Fil-kaz in disamina l-irregolaritajiet riskontrati rrisultaw filli fuq in-naha tax-xellug tal-ghata tal-meter instabu sinjali ta’ lievar evidenzjat ukoll mill-fatt li l-gasket kien imcaqqlaq u skond ma rrisulta mir-relazzjoni tal-espert tekniku nominat fl-inkjesta dehru wkoll xi brix fuq id-diska. Stabbiliti dawn l-irregolaritajiet kien jispetta lill-imputat qua d-detentur tal-fond li jipprova l-kuntrarju li kien jaf bl-uzu jew konsum tal-kurrent elettriku permezz ta’ dan il-meter. Bizzejjed f’dan il-kuntest li l-imputat jipprova fuq bazi tal-probabbli. Ezaminata l-evidenza l-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ma rnexxix f’din il-prova. Irrispettivament mill-ittri li hu baghat lill-Korporazzjoni minhabba li dehrlu li kien irceva l-kontijiet

gholijien jibqa l-fatt evidenti tad-diskrepanza bejn il-konsum registrat qabel u wara li nbidel l-meter. Irrisulta wkoll li l-imputat dahal joqghod fil-fond fis-sena 1974 u l-perjodu rilevanti l-kawza jirrisali ghal kwazi ghoxrin sena wara bejn l-1996 u 2001.

Ghaldaqstant, taqta u tiddecidi l-kawza billi issib l-imputat hati. Rat li l-aggravji apparti dak tal-hin gew ukoll ippruvati. Rat l-Artikolu 261(b)(c), 264, 267, 278(1)(2), 279(a), 280(2) u tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor f'perjodu ta' sitt xhur mill-lum izda tikkundannah li jirrisarcixxi lill-Korporazzjoni s-somma ta' Lm258.41 f'kaz li s-somma ma tinsabx gia mhallsa. Billi l-ispejjez tal-espert gew inkorsi fl-in genere qeghdha tichad it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-istess espert kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------